# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 9 ta' Jannar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **89/2018**

**THE CATERING CENTRE LIMITED**
[REG. NRU. C-9806]

***VERSUS***

**POSITIVE HOLDINGS LIMITED**
[REG. NRU. C-21248]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-7 ta' Marzu, 2018 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha l-ammont ta' tlett elef, mitejn, tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€3,292.68c) rapprezentanti apparat ta' *catering* akkwistat mill-istess konvenuta minghand l-attrici, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni u kif ukoll l-imghaxxijiet legali dekoribbli mill-prezenti sejha gudizzjarja.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-udjenza quddiem dan it-Tribunal ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2018, id-difensur ta' l-attrici gharraf lit-Tribunal illi, "*fil-mori tad-differiment, il-Konvenuta hallset is-sorte ta' EUR3292.68 u jifdal illi jintlahaq qbil dwar l-ispejjes tal-prezenti proceduri*" (ara *a*

*fol*. 12). Fl-istess udjenza d-difensur ta' l-attrici kien talab ftit taz-zmien sabiex l-partijiet jaraw jistghux jakkordaw ruhhom dwar l-ispejjez gudizzjarji rimanenti u l-interessi relattivi.

Fl-udjenza sussegwenti, dik tat-Tnejn, 8 ta' Ottubru, 2018, id-difensur ta' l-attrici informa lit-Tribunal li, "*nonostante dak verbalizzat fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2018, ma ntlahaqx ftehim dwar il-kap tal-ispejjes*" (*a fol*. 13). F'tali udjenza l-attrici ressqet nota spjegattiva li tghid hekk: "*Illi permezz taghha qed iccedi l-kawza fl-ismijiet premessi limtatament fil-mertu, filwaqt illi z-zomm ferm il-kap tal-ispejjez konnessi mal-istess proceduri, stante hlas tas-sorte – kif reklamat mir-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef, mitejn, tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€3,292.68c) – fil-mori tal-kawza.*" (*a fol*. 15). Fl-imsemmija udjenza gie mressaq kapitolu fil-konfront tal-konvenuta (*a fol*. 16) u fl-udjenza sussegwenti, dik ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Ottubru, 2018, l-istess kapitolu gie mittiehed bhala mistqarr peress li l-konvenuta ma kinitx resqet biex twiegeb ghalih (*a fol*. 17).

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Is-sitwazzjoni prezentata fil-prezenti vertenza hija li l-kumpannija konvenuta – ghalkemm debitament notifikata (ara *a tergo* ta' *fol*. 10 u verbal *a fol*. 13) – ghazlet li ma tikkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 u ghaldaqstant waqghet fi stat ta' kontumacja hekk kif puntwalizzat fl-udjenza tat-Tnejn, 8 ta' Ottubru, 2018.

Bil-fatt li l-konvenuta ssaldat l-ammont ta' tlett elef, mitejn, tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€3,292.68c), li jirraprezenta s-sorte mitlub minnha mill-attrici, l-istess giet illi implicitament ikkonfessat li hi kienet debitrici tal-kumpannija attrici. Kif asserit fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament ta' €3,292.68c imwettaq mill-konvenuta huwa, intrinsikament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hi kellha mal-kumpannija attrici kreditrici.

Bhala konsegwenza, tali ammissjoni implicita taghti lok li l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri ikunu attribwiti lill-konvenuta. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenuta tad-dejn originali, hi attirat lejha l-obbligu accessorju li tindennizza wkoll kwalsiasi spejjez li dahlet fihom l-attrici kreditrici taghha ghall-irkupru tad-dejn originali.

L-attrici qatt ma rrizervat il-jeddijiet taghha dwar l-imghaxijiet mitluba fl-att promotur hekk kif wettqet fil-konfront ta' l-ispejjez gudizzjarji fejn espressament esprimiet id-dritt ghall-indenniz relattiv. Ghat-Tribunal, dan ifisser li l-istess attrici ma kinitx qed tibqa' tishaq fuq ir-reklam ta' tali interessi. Li kieku kien altrimenti, certament dan il-

fatt kien ikun registrat f'xi verbal u certament puntwalizzat fin-nota spjegattiva mressqa fl-udjenza tat-8 t'Ottubru, 2018.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jilqa' t-talba ta' l-attrici kif imfisser *supra*, ossia limitatament ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez tal-prezenti proceduri.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motivi fuq imfissra u konsistentement maghhom, filwaqt li jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar is-sorte fl-ammont ta' tlett elef, mitejn, tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€3,292.68c), peress li dan l-ammont gie saldat mill-kumpannija konvenuta fil-mori tal-proceduri odjerni kif deskritt f'din id-decizjoni, jikkundanna lill-istess konvenuta thallas u tindennizza lill-kumpannija attrici l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*